VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,523, 19 ta' Jannar, 2016
Taqsima B

A.L. 22 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Teaching English to Speakers of Other Languages – M.A. TESOL - taħt il-patroċinju taċ-Ċentru tal-Profiċjenza fil-Lingwa Ingliża

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord taċ-Ċentru tal-Profiċjenza fil-Lingwa Ingliża bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 7 (b)(v) tal-Istatut taċ-Ċentru, li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Teaching English to Speakers of Other Languages – M.A. TESOL - taħt il-patroċinju taċ-Ċentru tal-Profiċjenza fil-Lingwa Ingliża.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord taċ-Ċentru tal-Profiċjenza fil-Lingwa Ingliża;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Arts in Teaching English to Speakers of Other Languages – M.A. TESOL;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Arts in Teaching English to Speakers of Other Languages – M.A. TESOL;

"il-Postgraduate Certificate" tfisser il-Postgraduate Certificate in Teaching English to Speakers of Other Languages – P.G. Cert. TESOL;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Teaching English to Speakers of Other Languages – P.G. Dip. TESOL; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Otturbu 2015 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom waħda minn dawn il-kwalifiki li ġejjin:

(a) grad ta' Bachelor minn din l-Università jew minn università oħra rikonoxxuta mis-Senat fl-istess qasam jew f'qasam ta' studju meqjus bħala rilevanti mill-Bord, iżda applikanti li għandhom grad bl-Unuri fit-Tielet Klassi jew grad f'Kategorija III għandhom jissodisfaw lill-Bord li għandhom kwalifiki oħra, inkluża esperjenza rilevanti, miksuba wara l-grad tal-ewwel ċiklu tagħhom; jew

(b) kwalifika tad-DELTA (Diploma in English Langauge Teaching to Adults) jew tad-Dip. TESOL (Diploma in Teaching English to Speakers of Other Languages) jew l-ekwivalenti.

(2) L-applikanti għall-Kors jistgħu jkunu meħtieġa juru permezz ta' intervista li għandhom biżżejjed proficjenza u għarfien biex isegwu l-Kors bi profitt. F'ċerti każijiet il-bord tal-intervisti jista' jirrakkomanda li l-applikanti jsegwu programm preparatorju kif speċifikat fl-ordinament 4.

(3) L-applikanti kollha jkunu meħtieġa juru, permezz ta' ċertifikazzjoni xierqa u riferenzi, li huma għallmu l-Ingliż għal mill-anqas 2000 siegħa.

(4) Il-Bord għandu jiddeċiedi l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont id-disponibbilità tar-riżorsi. Il-ord għandu jħabbar l-għadd ta' postijiet disponibbli, u l-kriterji għall-għażla tal-applikanti fiż-żmien meta toħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(5) Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li l-kwalifiki tagħhom kif stipulat f'paragrafu (1) ta' dan l-ordinament kienu miksuba sal-31 ta' Awwissu ta' qabel il-bidu tal-Kors għandhom ikunu kkunsidrati l-ewwel.

(6) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul mill-anqas minn tliet membri.

Il-Kors Preparatorju

4. (1) L-applikanti jistgħu jkunu meħtieġa jtemmu programm preparatorju, li jinkludi mhux anqas minn 30 u mhux aktar minn 60 krettu ECTS kif indikat mill-Bord, b'marka medja globali ta' 55% jew aħjar, qabel id-dħul tagħhom fil-Kors.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Il-Bord jista' jagħti lill-applikanti eżenzjoni sħiħa jew parzjali mir-rekwiżit tal-programm preparatorju jekk ikun sodisfatt li l-applikant għandu esperjenza ta' xogħol, li ġiet miksuba wara l-grad tal-ewwel ċiklu, u li hi rilevanti għall-Kors.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fuq bażi *part-time.*

Il-Programm ta' Studju

6. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati total ta' 60 krettu ECTS u taqsima studju tad-dissertazzjoni jew proġett li għaliha hemm assenjati 30 krettu ECTS.

(2) L-istudenti li jiksbu 30 krettu ECTS assenjati għal taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux temmew il-Kors b'suċċess, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Certificate.

(3) L-istudenti li jiksbu s-60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw id-dissertazzjoni b'suċċess, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

(4) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

7. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' taqsimiet studju mgħallma ta' mhux aktar minn 20 krettu ECTS, jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors fuq bażi *full-time*, jew mhux aktar minn 10 kretti ECTS jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors fuq bażi *part-time*, jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

(4) Meta jkunu qegħdin jeżaminaw dissertazzjoni/proġett, il-Bord tal-Eżaminaturi għandhom jimxu mal-Kriterji u d-Deskrizzjoni tal-Marki kif approvati mill-Bord.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Id-Dissertazzjoni/Il-Proġett

8. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 25,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord. Il-Bord jista' jħalli lill-istudenti jissottomettu proġett minflok dissertazzjoni, f'liema każ id-dispożizzjonijiet mniżżla hawn taħt għandhom japplikaw.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir waqt il-tielet semestru tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord sa mhux aktar tard minn sitt ġimgħat qabel it-tmiem tat-tieni semestru.

9. (1) L-istudenti għandhom iżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord rapporti dwar il-progress tal-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom fit-tmiem ta' kull semestru ta' studju, kemm jekk l-istudent ikun qiegħed isegwi l-kors fuq bażi *full-time* u kemm jekk *part-time*. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

10. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

11. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.